V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10411 — ABM / YKA / Hebei Mauri)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 514 I/04)

1. Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Associated British Foods plc ("ABF", ir-Renju Unit),

— Wilmar International Limited ("Wilmar", Singapore),

— AB Mauri Yihai Kerry Investment Company Limited ("AB Mauri", iċ-Ċina), impriża konġunta li topera b'mod sħiħ ta' ABF u Wilmar,

— Hebei Mauri Food Co., Ltd. ("Hebei Mauri" jew "Target" iċ-Ċina), ikkontrollata minn ABF.

Permezz ta' AB Mauri, ABF u Wilmar jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tat-totalità ta' Hebei Mauri.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal ABF: attiva f'ħames oqsma kummerċjali ewlenin madwar id-dinja, jiġifieri (i) il-produzzjoni ta' ingredjenti tal-ħami, inkluża l-ħmira; (ii) il-produzzjoni taz-zokkor; (iii) il-manifattura ta' prodotti tal-merċa; (iv) il-provvista ta' prodotti agrikoli lill-bdiewa; u (v) bejgħ bl-imnut f'żoni kummerċjali,

— għal Wilmar: attiva fil-kultivazzjoni taż-żejt tal-palm, it-tifrik taż-żrieragħ żejtnin, ir-raffinar taż-żejt li jittiekel, it-ħin u r-raffinar taz-zokkor, il-manifattura ta' prodotti għall-konsumatur, xaħmijiet speċjali, oleokimiċi, bijodiżil u fertilizzanti kif ukoll it-ħin tad-dqiq u tar-ross fid-dinja kollha,

— għal Hebei Mauri: attiva fil-manifattura u l-provvista tal-ħmira tal-furnara liċ-Ċina u pajjiżi oħra, inkluż fl-Asja; kif ukoll

— għal AB Mauri: attiva fil-manifattura, il-bejgħ u d-distribuzzjoni tal-ħmira, tal-ingredjenti tal-forn u tax-xaħmijiet tal-ħami fl-Asja, kif ukoll fil-forniment ta' servizzi tal-ħami u servizzi tekniċi rilevanti relatati ma' dawn il-prodotti fl-Asja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10411 — ABM / YKA / HEBEI MAURI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz Elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.